# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2000**

Avviz Numru 86/99G2(MM)

Bank of Valletta Plc

-vs-

Angelo u Mary konjugi Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm743.07) liema somma tirrapprezenta bilanc dovut mill-konvenuti fil-loan account taghhom numru 30214077019, kif ukoll dak numru 32409225056, liema somma kienet giet mislufa lill-konvenuti mill-istess bank. Ihallsu wkoll is-somma ta' hdax-il lira Maltija (Lm11) li l-bank attur inkorra fi spejjez amministrattivi u li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhalsu.

Il-konvenuti mitluba jhallsu l-imghaxijiet fuq l-ghola rata permessa mil-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fit-28 ta' Mejju 1998, ta' l-ittra ufficjali spedita fid-19 ta' Mejju 1999, kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u tal-mandat ta' sekwestru

kawtelatorju prezentati kontestwalment ma' dan l-avviz.

Bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenuti b'dan l-avviz, kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh ta' din il-kawza li ggib id-data tad-9 ta' Dicembru 1999, illi naqsu li jattendu ghas-seduta tal-lum, ghal-liema data kienet giet appuntata din il-kawza.

Semghet il-provi;

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u seba' centezmi (Lm743.07), kif ukoll fis-somma ta' hdax-il lira Maltin spejjez amministrattivi inkorsi mill-bank attur.

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma indikata ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u seba' centezmi (Lm743.07) bhala bilanc dovut fil-loan account numru 30214077019, kif ukoll dak numru 32409225056, kif ukoll is-somma ta' hdax-il lira Maltin (Lm11) bhala spejjez inkorsi mill-istess bank.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fit-28 ta' Mejju 1998, ta' l-ittra ufficjali spedita fid-19 ta' Mejju 1999, kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentati kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv, kollox kontra l-konvenuti.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur